**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A52a/11

9 ta' Frar 2011

**Ġentilment qed nibgħatilkom Aġenda riveduta minħabba l-fatt, li b'diżvista ġiet ommessa l-*item 'Update ta' Tender GLC003/2010 – Private Public Partnership'.***

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/52**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir it-**Tlieta 15 ta' Frar 2011, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Diskussjoni dwar dovoluzzjoni tat-triq adjaċenti għall-Ġnien
6. *Update* ta' *Tender GLC001/2010 Resurfacing Works*
7. *Update ta' Tender GLC002/2010 Mixed Household Waste*
8. *Update ta' Tender GLC003/2010 Private Public Partnership*
9. Diskussjoni dwar *Savoy Gardens*
10. Laqgħa tal-lokalita'
11. Approvazzjoni tal-*Performance Bonus*
12. Affarijiet oħra
13. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Marion Monaco
D/Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

22 ta' Marzu 2011

Ref Nru.Klg5/052

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/52 li saret it-Tlieta 15 ta' Frar 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

## Preżenti

Seba' membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Chris Bonett, l-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Ian Micallef, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mad-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco. Attenda għall-parti mill-laqgħa, l-Perit tal-Kunsill, Joe Bugeja.

## *Chairman*

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fid-9 ta' Frar 2011.

Il-Kunsillier Ian Micallef talab sospenzjoni ta' l-Aġenda biex jiġu diskussi *items* Nru: 7 - 8 – 9 - 11

Il-Kunsill laqa' din it-talba madanakollu, ċ-*Chairman* qal, li għall-*item* Nru: 8, irid ikun hemm preżenti l-Perit tal-Kunsill, Joe Bugeja.

### 9. Diskussjoni dwar *Savoy Gardens*

**9.1.** Iċ-*Chairman* ta rendikont dwar din il-materja fejn informa li a bażi ta' pjanti mogħtija lill-Kunsill Lokali fl-2008, s-*site* ġiet żviluppata u d-ditta hawn fuq msemmija nfurmat, li ser tgħaddih fi stat *finished* lill-Kunsill. Dan it-

trasferiment ta' propjeta' *finished* mid-ditta *Savoy Gardens* lill-Kunsill, għandu jitqies bħala s-soluzzjoni alternattiva ta' *set off* għall-ammont pendenti dovut lill-Kunsill minflok li l-materja tiġi riżolta l-Qorti.

Huwa kompla jgħid li, xi ftit tal-ġimgħat qabel kien bagħat għalih is-Sur David Borg (*Savoy Gardens*) biex jara xi żvilupp sar u kif kien ser ikun lest. Ovvjament, dan il-ftehim irid ikun konkluż quddiem Nutar.

Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li x'wassal għal din is-sitwazzjoni kien il-fatt, li ma kienx hemm kjarifika dwar ħlasijiet ta' *boundary walls* fil-*Legal Notice 119/2002.*

Il-Viċi-Sindku qal, li apparti dan il-każ, hemm każijiet oħra pendenti fosthom l-iżvilupp li sar fi Triq Sliema, liema ammont jaċċedi €800,000.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li filwaqt li hu sorpriż b'din il-materja minħabba l-fatt, li sa fejn jaf hu, l-Kunsill kien ilu ma jiddiskutiha madanakollu, jekk hi soluzzjoni, hu favur tagħha stante li l-post jiġi valutat minn Perit u jirrifletti l-valur ta' l-ammont li l-Kunsill għandu jiġbor mid-ditta.

Iċ-*Chairman* qal, li d-ditta *Savoy Gardens* kienu komplew jiddiskutu miegħu informalment u għalhekk, m'hemmx *record* ta' dak li ġie diskuss kif ukoll qal, li tajjeb li wieħed jieħu nkonsiderazzjoni ta' żmien u dak li d-ditta hawn fuq msemmija kienet qed titlob kien, li jintlaħaq ftehim u bi ftehim jifhem li kull naħa ċċedi parti sabiex jintlaħaq ftehim. Dan għaliex, ma jfissirx li l-pretenzjonijiet ikunu ġustifikati.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-argument tiegħu hu, li l-punt tat-tluq tiegħu hu l-valur tal-post għaliex filwaqt li hu lest li jmur għall-*commercial settlement*, dan irid ikun bl-approvazzjoni tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali. Huwa kompla jgħid, li jridu jittieħdu wkoll, nkonsiderazzjoni l-ispejjeż relatati u l-argument tiegħu hu bbażat fuq il-fatt, li hu mhux dispost li jerfa' responsabbilita' jekk ikun hemm differenza sostanzjali bejn l-ammont li qed jitlob il-Kunsill Lokali u dak tal-valur tal-post għaliex jista' jagħti lok għall-inkjesta.

Fir-rispett ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Viċi-Sindku dwar każijiet oħra simili, l-Kunsillier Ian Micallef staqsa dwar x'azzjoni ttieħdet u talab sabiex dawn jitpoġġew fuq l-Aġenda tal-laqgħat.

Il-Kunsill ġie nfurmat, li fir-rispett tal-każ msemmi, kienet saret laqgħa waħda mas-Sur Clive Demicoli iżda dan qata' kull kuntatt u għalhekk, l-każ ġie mgħoddi għall-attenzjoni ta' l-Avukat tal-Kunsill, Edward Woods, li minn naħa tiegħu nforma, li ma setgħax ikompli jipprosegwi minħabba li ma kellux indirizz postali, nformazzjoni li ġiet mitluba mill-Perit għaliex ma kienitx disponibbli fuq il-bord informattiv li jrid ikun imwaħħal fuq is-sit tal-kostruzzjoni. L-informazzjoni mitluba qatt ma ngħatat, minkejja li ġiet

mitluba diversi drabi għaliex skont il-Perit, din ma kienitx aċċessibbli fuq il-*website* tal-*MEPA*.

A bażi ta' din l-informazzjoni mogħtija, l-Kunsill qabel li għandu jinsisti mal-Perit għaliex b'xi mod jew ieħor dan seta' jiksibha.

Intant, d-D/Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kienet qed tiġi persuna għan-nom tad-ditta Savoy Gardens u jinforma lill-front officer li kienu tkellmu mas-Sindku u qedgħin f'kuntratt ma' l-istess Sindku biex ma jħallsux għal kwalunkwe permessi pertinenti mill-Kunsill inkluż dak ta' l-i*scaffolding*.

Iċ-*Chairman* qal, li dan ma kienx minnu u jekk l-i*scaffolding* ikun fuq propjeta' pubblika, hu suġġett għall-ħlasijiet skont il-permessi kollha meħtieġa.

Il-Kunsillier Victor Rutter qal, li tajjeb li waqt in-negozjati, jittieħdu nkonsiderazzjoni l-interessi kieku d-ditta ħalset lill-Kunsill meta kien mitlub minnha.

Fir-rispett tal-Perit li għandu jivvaluta l-post, il-Kunsill qabel unanimament, li għandu jkun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet jiġifieri bejn id-ditta *Savoy Gardens* u l-Kunsill, u sussegwentament, il-Kunsill ikompli bid-diskussjonijiet.

Fis-6.00 p.m. il-Perit Joe Bugeja daħal għall-laqgħa.

## 8. *Update* ta' *Tender GLC003/2010 Private Public Partnership*

**8.1.** Il-Perit tal-Kunsill ta' *overview* tal-materji diskussi u nforma li filwaqt id-ditta Bonnici Bros ma meliex il-*financial offers* kollha u cioe' l-*unit rates*, id-ditta Polidano Bros kien mela l-*unit rates* kollha. Huwa kompla jgħid, li dan ta' l-aħħar kien l-orħos fl-*items* kollha b'eċċezzjoni ta' *item* Nru: 3 u għalhekk, waqt laqgħa tal-Kumitat ad hoc li kienet saret fit-18 ta' Jannar 2011, (ara *appendix* Nru: 1) kien intalab *breakdown* ta' dan l-*item*. Iż-żewġ sottomettenti kienu bagħtu r-risposti tagħhom.

Fit-tieni laqgħa li kienet saret mill-Kumitat hawn fuq imsemmi fl-24 ta' Jannar 2011, kien analizza li mit-tlett *items* li jiffurmaw *item* Nru: 3 tal-*BOQ*, tnejn minnhom biss kienu ser jintużaw u cioe' l-*formwork* ma kienx ser jintuża għajr għal xi metraġġ żgħir. Huwa kompla jispjega li meta reġgħu ġew analizzati l-*B.O.Q.* irriżulta, li Polidano Bros kien l-għola fil-*formwork* u għalhekk, jekk dan jitneħħa jew jitnaqqas drastikament, l-offerta ta' Polidano Bros tiġi l-orħos. Għaldaqstant, il-Kumitat kien wasal għall-konklużjoni li d-ditta Polidano Bros jiġi l-orħos. B'dan il-fatt, a bażi ta' artiklu 17a kien jibqa' l-punt li kien għad irid jiġi trattat dwar l-ommissjonijiet tal-*unit rates* u għalhekk, dan il-punt kien intbagħat għall-kjarifika lid-

Dipartiment tal-Kuntratti liema Dipartiment kien wieġeb u nqrat ir-risposta (ara *appendix* Nru: 2).

Għaldaqstant, minkejja l-fatt, li *prima facie* meta nfetħu t-*tenders*, Bonnici Bros deher l-orħos, bl-eżerċizzju li sar u cioe' kif ġie spjegat aktar 'l fuq, meta tneħħi jew tirriduċi l-*formwork*, l-offerta ta' Polidano Bros tiġi l-orħos, kien qed jiġi rrakkomandat Polidano Bros għal żewġ raġunijiet, li kienet l-aktar waħda vantaġġjuża u li mela l-*unit rates* kollha għall-kuntrarju ta' Bonnici Bros.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsillier Ian Micallef qara *clause 17a* ta' l-*Instructions to Tenderers* tat-*Tender* li jgħid:

'***Pricing***

*(a)* *Prices shall be submitted in accordance with the items and requirements indicated on the Tender Schedule. Items of the Tender Schedule against which no price is entered could be deemed to invalidate the Tender. Alternatively the Local Council may set a pro rata rate based on other priced items of the tender schedule and the Tenderer shall be obliged to accept such rate as established by the Local Council in order not to forfeit the Tender Guarantee (Bid Bond)'*

Iċ-*Chairman* qal, li waqt il-laqgħa dan l-artiklu kien ġie diskuss fid-dettal iżda l-Perit informa lill-Kunsill li ma setgħax joħroġ ir-rati. Il-Perit spjega li d-deskrizzjoni ta' l-*item* Nru: 3 kienet tirreferi għall-bankini u l-*gutter* ta' taħt il-bankina u filwaqt li l-*measurement* kien tajjeb, il-*gutter* ma kienx ser jintuża għaliex il-bankini m'humiex wesgħin. Huwa kompla jgħid, li hu ma kienx qed jeskludi li l-*formwork* ma jintużax iżda mhux ser jintuża' għall-*measurement* kollu imnizzel fil-*BOQ.*

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li filwaqt li l-Kunsill irid joqgħod attent biex ma jkunx hemm appell staqsa, jekk id-diskrepanza fil-metraġġ bejn l-*measurement* ta' l-*area* kollha tal-bankini u l-*area* biss li jrid jintuża' l-*formwork* kienitx spjegata ċara fil-*B.O.Q.*, il-Perit tal-Kunsill wieġeb fin-negattiv u cioe' li ngħata *area* waħda biss jiġifieri dik tal-bankini kollha.

Iċ-*Chairman* talab lill-Kunsillier Ian Micallef jara r-risposti tas-sottomettenti għall-kjarifiki mressqa minnu.

Il-Perit qal li filwaqt li *Clause 17a* hawn fuq sopracitat jagħti fakulta' li l-Kunsill jagħmel *pro rata unit rate* mandanakollu, dan ma kienx possibbli.

Tressqet kjarifika li s-somma maħduma waqt il-laqgħa tal-Kumitat ad hoc li saret fl-24 ta' Jannar 2011, rigward Polidano Bros., inħadmet fuq materjal biss għaliex l-ammont kien jinkludi *supply and lay.*

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill kellu ċ-ċans kollu biex joħroġ it-*tender* kif suppost u mhux kull darba ikollu joqgħod jagħmel l-aġġustamenti. Huwa kompla jgħid, li dawn l-aġġustamenti ma jistgħux isiru f'dan l-istadju għaliex il-Kunsill ikun qed jilgħab bir-rati. Din kienet it-tieni darba li l-Kunsill kien qed jilgħab bir-rati u qal ukoll, li filwaqt li f'dan l-istadju qed jissemmew *60 linear meters* minn 740 sq m li ntalab fit-*tender*, matul il-perkors tax-xogħol, dawn jistgħu jiżdiedu u staqsa min kien ser jerfa' din ir-responsabbilita'. Huwa kompla jgħid, li l-Perit kellu ċ-ċans li jitlob *unit rate* ta' *linear meter* għall-*formwork* biss fil-*B.O.Q.* u b'hekk, kien jevita' din is-sitwazzjoni. Madanakollu, kif kien qed jiġi spjegat l-evalwazzjoni kienet qed issir fuq fattur li ma kienx imnizzel fil-*B.O.Q.* Il-Kunsillier Ian Micallef insista, li minn meta nħarġet it-*tender* sallum xejn ma nbidel u għalhekk, ma jistax jifhem għaliex issa ġie deċiż li kien ser jintuża anqas *formwork* u mhux qabel, meta ħadd ma kien għadu jaf il-*unit rates*.

Għalkemm hu ma kienx kuntent b'din is-sitwazzjoni, madanakollu, biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu, irid ikollu garanzija li mhux ser jintuża aktar minn *60 linear meters* u dan għaliex ma kienx kuntent li kull darba l-Kunsill irid jilgħab bil-*B.O.Q.*

Il-Perit qal li setgħa sar dak li qal il-Kunsillier Ian Micallef madanakollu, ma setgħax jagħti garanzija li ser ikunu biss *60 linear meters*.

Minkejja li ntervjena diversi drabi l-Viċi-Sindku u sostna dak li kien qed jgħid il-Perit kif ukoll qal, li l-Kunsillier Ian Micallef ma kienx qed jifhem din is-sitwazzjoni, l-Kunsillier Ian Micallef insista fuq l-argument tiegħu li din kienet problema li segħet faċilment tiġi evitata kieku l-Perit ppubblika l-*measuremets* kif spjegat waqt il-laqgħa tal-Kunsill (15.02.2011) u ġa la darba l-Perit ma setgħax jagħti l-garanzija mitluba, hu ma setgħax jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

Iċ-*Chairman* qal, li f'dan l-istadju, l-Kunsill ried jieħu żewġ deċiżjonijiet:

- li jiskwalifika lid-ditta Bonnici Bros għaliex ma meliex il-*B.O.Q*. kollha
- jekk a bażi tad-diskussjoni, Polidano Bros jirbaħx il-kuntratt.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu ma jaqbilx li d-ditta Bonnici Bros jiġi skwalifikat għaliex il-prezz aħħari hu tah u b'hekk marbut miegħu. Għaldaqstant, dan ma jistax jirtira minnu u għalhekk, il-Kunsill irid jagħti l-pro rata raġonevoli skont il-prezz mogħti kif ukoll, bil-mod li kien qed isir l-

argument, qed tingħata l-impressjoni li l-evalwazzjoni saret b'tali mod li tintrebaħ mid-ditta Polidano Bros.

Il-Viċi-Sindku qal, li għall-kuntrarju ta' dak li kien qed jgħid il-Kunsillier Ian Micallef, hu kien qed jagħti l-impressjoni biex jintrebaħ mid-ditta Bonnici Bros.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-Kunsill kien qed jimxi b'mod differenti għaliex setgħa talab kjarifika fir-rispett ta' l-*items* nieqsa kif għamel f'*item* Nru: 3.

Il-Perit tal-Kunsill qal, li minħabba l-fatt, li ħalla diversi *items* barra, aktar milli jkun qed jintalab kjarifika, jkun qed jintalab jimla l-*B.O.Q.* mill-ġdid.

Għall-kuntrarju tar-risposta tal-Perit, il-Kunsillier Ian Micallef qal, li Bonnici Bros hu marbut bi prezz aħħari u kull ma kellu jintalab kien biss biex jgħid kif wasal għall-prezz aħħari u għalhekk, ma setgħax jifhem kif Bonnici Bros jista' jiġi skwalifikat. Dan b'żieda ma' l-argument preċedenti tiegħu li bl-eżerċizzju li sar, kienu ġew imċaqalqa r-rati b'referenza partikulari għall-*formwork*.

Il-Viċi-Sindku rribatta l-argument tal-Perit u l-konklużjoni tas-somma li wassal lill-Kumitat ad hoc jieħu fuq din id-deċiżjoni. Huwa kompla jgħid, li bħala Kumitat kienu ħadu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji u jħoss li l-Kunsillier Ian Micallef kien qed ifixkel.

Minkejja l-fatt li l-Kunsillier Ian Micallef talbu jirtira dak li qal, l-Viċi-Sindku wieġeb fin-negattiv. Il-Kunsillier Ian Micallef sostna li huwa ried li l-affarijiet isiru mingħajr ma jħallu dubju.

Intervjena l-Kunsillier Malcolm Camilleri u qal, li hu kien jifforma parti mill-Kumitat ad hoc iżda, l-Kumitat qatt ma wasal min, mis-sottomettenti kellu jiġi rakkomandat lill-Kunsill biex jirbaħ l-offerta.

Għall-votazzjoni mressqa miċ-*Chairman* dwar min jaqbel li d-ditta Bonnici Bros tiġi skwalifikata, ir-riżultat kien:

Erba' le li kienu ċ-*Chairman* Chris Bonett u l-Kunsillieri Ian Micallef, Malcolm Camilleri u Victor Rutter

Tlieta iva li kienu l-Viċi-Sindku Joe Camilleri u l-Kunsillieri Anthony Abela u Anthony Grech.

Għaldaqstant, id-ditta Bonnici Bros ma ġietx skwalifikata.

Għat-tieni votazzjoni dwar jekk il-kuntratt jingħatax lid-ditta Polidano Bros, id-deċiżjoni kienet:

Erba' favur li kienu ċ-*Chairman* Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri u l-Kunsillieri Anthony Abela u Anthony Grech.

Tlieta astenzjonijiet li kienu l-Kunsillieri Ian Micallef, Malcolm Camilleri u Victor Rutter.

Il-Kunsillier Ian Micallef ta' spjegazzjoni tal-vot tiegħu u l-kollegi Malcolm Camilleri u Victor Rutter u cioe' li qabel ma l-Kunsill kellu jiddeċiedi, kellu jitlob kif hemm provdut f'artiklu 17a, ma jkunx hemm tibdil f'metraġġ wara li nfetħu s-sottomissjonijiet kif ġie nfurmat il-Kunsill waqt il-laqgħa tiegħu (15.02.2011) u jekk ikun hemm tibdil għandu jkun hemm raġuni teknika mressqa u approvata waqt laqgħa ta' Kunsill.

Iċ-*Chairman* qal, li hu vvota favur skont rakkommandazzjoni u fuq parir tekniku tal-Perit. Il-Viċi-Sindku qabel miegħu.

## 11. Approvazzjoni tal-*Performance Bonus*

**11.1** Iċ-*Chairman* introduċa s-suġġett hawn fuq imsemmi u qal li skont informazzjoni mogħtija lilu minn Rowena M. Borg (Segretarju Eżekuttiv) din kienet infurmat li minn Jannar 2010 sa Settembru 2010 jiġifieri, sa meta ħarġet bil-*maternity leave*, kienet taqbel li jingħata l-massimu lill-istaff klerikali. Fir-rispett tax-xhur Ottubru, Novembru u Diċembru 2010, id-D/Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-opinjoni tagħha għandu jingħata l-massimu.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li jingħata l-massimu jiġifieri, 6% lil Marion Monaco u Fabian Borg u 3% (pro rata minn Frar sa Diċembru 2010) lil Mattia Felice minħabba li dan huwa *part-timer*.

Iċ-*Chairman* ressaq l-*Appraisal Report* u l-*Performance Bonus* ta' Rowena M Borg (Segretarju Eżekuttiv u rrakkomanda li din tingħata l-massimu tal-*Performance Bonus* jiġifieri 10%.

Il-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef mar-rakkomandazzjoni hawn fuq msemmija u jiġi eżegwit il-proċess skont *Memo 151/2010*.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu jħoss li kien wasal iż-żmien li tiġi nfirizzata n-nuqqas ta' *Human Resources* għaliex dawk preżenti huma aktar milli mgħobbija fix-xogħol.

## 7. *Update ta' Tender GLC002/2010 Mixed Household Waste*

**7.1** Il-Viċi-Sindku ntroduċa dan is-suġġett u ta rendikont ta' din il-materja nkluż l-appell li l-Kunsill għandu fir-rispett tiegħu minn Borg Skip Hire.

Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li l-*Adjudicating Committee* maħtur għal din l-0fferta ser jieħu ħsieb li tintbagħat l-informazzjoni kollha mitluba fir-rispett ta' din it-*tender*, lill-*Public Contracts Review Board.*

Il-Kunsillier Ian Micallef telaq fis-7.15 p.m. minħabba mpenn ieħor.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa Klg5/52 tal-15 ta' Frar 2011 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech.

Il-Kunsill ġie nfurmat li kemm il-President kif ukoll, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ma setgħux jattendu għall-laqgħa għal raġunijiet li l-President ma kellux kontroll fuqhom.

**2. Materji Konnessi**

**2.1.** Paġna 9 para 9.4. – Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li minħabba raġunijiet ta' prijoritajiet oħra, x-xogħol fi Triq Gżira kien ser jiġi trattat fil-jiem li ġejjin.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sal-15 ta' Frar 2011 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-granet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom:

**3.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat, li s-Sur Carmel Vella kien laħaq Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u kien ser iżur dan il-Kunsill, it-Tnejn 21 ta' Frar 2011 bejn id-09.10 a.m. u 09.40 a.m.

**3.4.** Iċ-*Chairman* ta rendikont tal-laqgħa li l-Kunsill kellu mas-sidien tal-*kiosk* tal-Ġnien, *Munchy Moose* fejn il-Kunsill qal, li hu miftuħ għal kull diskussjoni. Invista ta' l-argument tat-talba mis-sidien biex issir fossa fil-Ġnien, il-Kunsill wieġeb li filwaqt li d-deċiżjoni tiegħu hi li joġġezzjona li ssir fossa, mandanakollu, jekk il-*MEPA* tapprovaha, l-Kunsill ikollu jaċċettaha.

**3.5.** Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' *e-mail* mibgħuta mill-*E.T.C.* li fil-31 ta' Jannar 2011, ġew assenjati żewġ persuni, Joseph Ebejer u Joseph Aguis biex jagħmlu xogħol bl-iskema Xogħol fil-Komunita' ma' dan il-Kunsill.

**3.6.** Il-Kunsill qabel unanimament ma' nefqa ta' €105.15 sabiex tiġi nstallata n-*notice board* għall-librerija pubblika f'Misraħ Turu Colombo li ġiet approvata fil-laqgħa preċedenti kif ukoll, approvazzjoni biex il-Librara Nathalie Camilleri tkun tista' tixtri kotba għall-ammont ta' €236.00 skont approvazzjoni ta' *Memo 16/2010*, liema ammont kien diġa' għadda bħala *debit advice* fil-kont bankarju HSBC tal-Kunsill.

**3.7.** Il-Kunsill ġie nfurmat li *Transport Malta* ma laqgħetx it-talba għall-*loading/unloading bay* fi Triq l-Imsida kif ukoll, inqrat ittra mill-entita' hawn fuq msemmija sabiex il-Kunsill jissottometti talba uffiċjali biex issir *Keep Clear Bay* quddiem il-Bank HSBC fi Triq ix-Xatt matul il-ħin tal-ftuħ.

**3.8.** Inqraw *e-mails* mibgħuta mill-*Bank of Valletta* dwar *lapsed payments* fuq:

- *loan 1* minn Ottubru sa Diċembru 2010, l-ammont ta' €786.00
- *loan 2* minn Ottubru sa Diċembru 2010, l-ammont ta' €1,713.00

Wara li ngħatat spjegazzjoni dwar il-*loan* preżenti, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li jitħallsu l-ammonti hawn fuq imsemmija, issir *a one time loan repayment* li tkopri s-sena 2011 u tintbagħat ittra lill-BOV sabiex jiġi kjarifikat jekk *loan 3* ta' €47,000 kienitx għall-aħħar talba li kienet saret iżda qatt ma ttieħdet minħabba l-fatt, li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma kienx laqa' t-talba tal-Kunsill u li għalhekk il-Kunsill, kien ser ikompli jħallas skont ir-rati msemmija fis-*Sanction Letter* maħruġa fil-11 t'Awwissu 2000.

**3.9.** Il-Kunsillier Malcolm Camilleri telaq fis-7.45 p.m. minħabba mpenn ieħor.

**3.10.** Il-Kunsill ġie nfurmat li fl-4 ta' Marzu 2011, fl-10.00 a.m. fil-*boardroom* tal-*MEPA* kienet ser issir laqgħa dwar *National Flood Relief – PA4926/2010.*
Iċ-*Chairman* u l-Viċi-Sindku flimkien mal-Perit tal-Kunsill. kienu ser jattendu.

**3.11.** Il-Viċi-Sindku kien ser jattendi għall-konferenza *SHARP* li kienet ser issir fit-18 ta' Frar 2011 fid-9.30 a.m. fl-*Osbourne Hotel – Valletta*.

**3.12.** Il-Kunsill reġa' ma laqgħax it-talba tas-Sur Frankie Camenzuli sid il-gabbana *Mario's Gelateria Kiosk* li fis-Sajf tkun armata fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa minħabba l-fatt, li dan hu *hawker* u għalhekk, ma jistax jieqaf f'post fiss u l-Kunsill m'huwiex l-Awtorita' kompetenti biex jiddeċiedi fuq din it-talba.

**3.13.** Il-Kunsill approva unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, n-nefqa ta' €103.01 VAT inkluża għax-xiri ta' għaxra skart *signs* mingħand id-ditta *BIG Exhibts*.

**3.14.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Damian Whitehead dwar *re-allocation* ta' *skip* li tinstab viċin il-ħanut tiegħu.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsillier Anthony Abela għandu jieħu din il-materja taħt ir-responsabbilita' tiegħu.

**3.15.** Inqrat ittra mibgħuta mill-*Waterfront Hotel* sabiex tiġi nstallata *Crepe Stand* fix-Xatt tal-Gżira man-naħa tal-baħar faċċata ta' l-istess lukanda.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, li din it-talba ma tistax tintlaqa' minħabba li l-Kunsill m'huwiex l-Awtorita' kompetenti.

**3.16.** Il-Kunsill qabel unanimament, li għandha tintbagħat ittra lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kkupjata lis-Sur Martin Bugelli (Direttur Ġenerali) u s-Sur Silvio Frendo (Ass.Direttur Ġenerali), dwar talba ta' estenzjoni fuq id-data msemmija 21 ta' Frar 2011, għas-sottomissjoni tal-*Financial Statements.*

**3.17.** Ngħata rendikont dwar ir-raġuni l-għala l-Kunsill ma ffirmax l-*agreement* propost mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma tramite ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill reġa' kkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-2 ta' Lulju 2010 kif ukoll, li għandha terġa' tintbagħat reminder lill-A.K.L. bil-mistoqsijiet neċessarji.

**3.18.** Id-D/Segretarju Eżekuttiv infurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 2121 sa Nru: 2183 (ara *appendix* Nru: 3) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Tressqu wkoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill:

| | |
|---|---|
| *Melita cable plc* | €440.64 |
| Louis Curmi | €1,164.00 |

Il-Kunsill ġie nfurmat li mill-lista tar-*request sheets* li ġiet ppreżentata fil-laqgħa ta' l-10 ta' Jannar 2011, saru dawn l-emendi:

*R/Sheet* Nru: 2056 ġiet irtirata minħabba l-fatt, li din kienet inkluża fil-lista tal-pagamenti ta' Novembru 2010, *request sheet* nru: 2028.

*R/Sheet* Nru: 2093 – J. Bugeja minn €196.22 ġie emendat għal €165.38
*R/Sheet* Nru: 2094 – J. Bugeja minn €21.23 ġie emendat għal €17.99
*R/Sheet* Nru: 2095 – J. Bugeja minn €18.18 ġie emendat għal €15.41

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, ir-*Request Sheets* minn Nru: 2121 sa Nru: 2183 u dawk elenkati f'para 4.2. ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**5. Diskussjoni dwar Devoluzzjoni tat-triq adjaċenti għall-Ġnien**

**5.1.** Iċ-*Chairman* ta spjegazzjoni ta' din il-materja u qal, li l-iskop ta' din it-talba hu li din it-triq hi adjaċenti mal-Ġnien u l-Kunsill jixtieq li jsirilha *embellishment* b'kontinwazzjoni ma' dak li sar u li qed isir fil-Ġnien.

**6. *Update* ta' *Tender GLC001/2010 Resurfacing Works***

**6.1.** Ngħata rendikont dwar ix-xogħol li kien qed isir fuq l-aħħar parti tat-Triq Immakulata Kunċizzjoni li kien miexi b'ritmu tajjeb.

**10. Laqgħa tal-Lokalita'**

**10.1.** Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tal-lokalita' għandha ssir l-Erbgħa 9 ta' Marzu 2011, fis-7.30 p.m. fis-Sala tal-Komunita'. Għaldaqstant, l-avviż ta' din il-laqgħa għandu jkun pubblikat fil-gazzetta tal-Gvern, u darba fil-gazzetti kollha ta' kuljum u mxandar darba fuq ir-radju Nazzjonali u dan skont l-Att Nru: XV ta' 1993 Art 70 (1) li jipprovdi għat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

**12. Affarijiet Oħra**

**12.1. Sistema ta' Sigurta' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

Waqt il-laqgħa li għamel il-Kumitat ad hoc dwar il-kwotazzjoni hawn fuq imsemmija li tressqet fil-laqgħa preċedenti, kien qed jirrakkomanda lid-ditta Alberta għaliex din kienet l-orħos offerta u tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwotazzjoni.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ad hoc, li din tintrebaħ mid-ditta Alberta għar-raġunijiet msemmija hawn fuq u cioe' li kienet l-orħos u tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwotazzjoni.

**12.2.** Il-Viċi-Sindku talab kjarifika jekk il-MEPA kienitx irrilaxxat il-garanzija bankarja ta' PA/02316/10 minħabba l-fatt, li reġgħet saret ħsara fuq il-bankina mill-istess kostruzzjoni.

## 13. Laqgħa Oħra

**13.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m. u ġiet aġġornata għat-22 ta' Marzu 2011.

| | |
|---|---|
| Dott Chris Bonett B.A. LL.D. | Marion Monaco |
| Sindku | D/Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K017/119/11**

**15 February 2011 KLG5/52**

| R/Sheet No: | Description | € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 2121 | Mr. Joe Borg inv. No: 20 Duck Food for the month of December 2010 | 46.59 | 7001 |
| 2122 | Makaw ironmongery Inv. Nos: 18142 – 19011 18870 | 887.50 | 7002 |
| 2123 | G4S Security Services (Malta) Ltd Inv. No: GS001626 – CIT December 2010 | 30.44 | 7003 |
| 2124 | Venture Trading Inv. Nos: 016074 & 016157 | 71.39 | 7004 |
| 2125 | Env. L/Scapes Cons. Ltd Inv. No: 006808 Maint of Soft Areas – December 2010 | 2122.92 | 7005 |
| 2126 | Mr Victor Tedesco – GLC007/2010 Christmas Lights | 1,800.00 | 6889 |
| 2127 | Mr. Victor Tedesco – GLC007/2010 re hiring of electric meters | 260.00 | 6890 |
| 2128 | Mr. Andrew Delia – Inv. Nos: 07.dwg re survey In Triq Samuel Taylor Coleridge | 613.60 | 6975 |
| 2129 | ARMS Ltd Inv. No: 13012434 Promenade Grdn 20-05-2010 – 20-09-2010 | 359.39 | 7006 |
| 2130 | ARMS Ltd inv.No: 13012433 Gżira Gardens 19.05.2010 – 20.09.2010 | 1261.15 | 7007 |
| 2131 | J. Bugeja & Associates rfp 627 Arch. Serv. July 2010 | 914.18 | pending |
| 2132 | J. Bugeja & Associates rfp 669 Arc. Serv. October & November 2010 | 1670.27 | pending |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2133 | J. Bugeja & Associates rfp 677 Arch Serv. December 2010 | 446.78 | pending |
| 2134 | J.F. Mallia Ltd inv Nos: 501-509-522 – Maint Bozoz f'diversi toroq | 1311.60 | 7044/7045 |
| 2135 | The Toolbox Inv Nos: 9851-9907-9989-9990 | 135.25 | 7008 |
| 2136 | WasteServ Malta Ltd inv. No: 004547 – allocated msw waste – October 2010 | 1790.19 | 7009 |
| 2137 | WasteServ Malta Ltd inv No: 004548 - allocated msw waste – Nov. 2010 | 1790.19 | 7010 |
| 2138 | C.S.D. Office Trade Inv. No: 33010-33388 Stationery | 50.74 | 7011 |
| 2139 | S.Rausi Trading as per January 2011 statement | 4.75 | 7012 |
| 2140 | J.&K. Contractors Ltd Inv. No: 1145-10 paving works at the Strand | 1,833.54 | 7086 |
| 2141 | J.&K. Contractors Ltd Inv. No: 1146-10 patching 03/2010-Victory-Moroni-lower St Albert | 129.58 | 7013 |
| 2142 | J.&K. Contractors Ltd Inv. No: 1147-10 patching 02/2010 E.Mizzi-Bus Stop Kiosk-Tal-Qroqq Lane-L.Briffa Ponsonby-Carlo Manche-N.Ellul | 2,083.16 | 7014 |
| 2143 | J.&K. Contractors Ltd Inv. No: 1148-10 patching 04/2010-Vjal De la Salle-Bouverie-Xatt S.Albertc/w P.Meme'-H/Estate Entrance | 640.03 | 7015 |
| 2144 | J.&K. Contractors Ltd Inv. No: 1149-10 paving works-N.Ellul-G.Bencini-opp A1Bar-Fleet L.Briffa – mwp 03/2010 | 3,275.88 | 7016 |
| 2145 | J.&K. Contractors Ltd Inv. No: 1150-10 mwp 04/2010-paving-Jeff's past. G.Bencini c/w lower St. Albert-N.Ellul i.f.o.103-i.f.o.Maxims Msida Rd from Paul & Rocco to bus stop | 4,631.61 | 7017 |
| 2146 | SRF Cleaning Serv. Inv. No: 10/1792 – Street Sweeping on Sundays – December 2010 | 378.52 | 7018 |
| 2147 | SRF Cleaning Serv. Inv. No: 10/1793 – Street Sweeping-G.Cutting-M.Sweeper December 2010 | 4,627.29 | 7019 |
| 2148 | Makaw ironmongery – Road marking Paint | 200.00 | 7020 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2149 | GO plc inv. No: 24953039 – tel 21322157 Calls Dec 2010 – Rent January 2011 | 96.61 | 6979 |
| 2150 | GO plc inv. No: 24952390 – tel No: 21341616 calls December 2010 – Rent January 2011 | 19.55 | 6980 |
| 2151 | GO plc Inv. No: 24952380 – tel No: 334254/ 341034 Calls Dec. 2010 – Rent Jan. 2011 | 73.10 | 6981 |
| 2152 | A.K.L. Laqgħa Għas-Sindki – 21/22 Jan. 2011 Lukanda Calypso – Marsalforn – Gozo | 176.00 | 6893 |
| 2153 | Sundew Enterprises Ltd – Inv. Dtd 27.05.2010 share of common parts May – October 2009 | 215.61 | 6696 |
| 2154 | Sundew Enterprises Ltd – Inv. No: LC010 20% share of common parts Jan. – Dec 2010 | 259.60 | 6984 |
| 2155 | Sundew Enterprises Ltd – Inv. No: 015 W&E. 10.10.2009 – 05.03.2010 | 628.80 | 6983 |
| 2156 | Mr. Em. Mifsud Inv. No: 62 – Door to Door Collection January 2011 | 5590.50 | 6995 |
| `2157 | Mr. Em. Mifsud inv. No: 63 – Skip Hire for the month of January 2011 | 432.87 | 6996 |
| 2158 | Mr. Em. Mifsud inv. No: 64 – Service of P. Convenience for the month of Jan. 2011 | 836.06 | 6997 |
| 2159 | Mr. Em. Mifsud inv. No: 65 – Service of Bulky Refuse – Dec 2010 – 179 Calls | 979.85 | 6998 |
| 2160 | Mr. Joe Borg inv. No: 21 – Duck Food for the month of January 2011 | 46.59 | 7026 |
| 2161 | Ms Alexandra Galea – inv. No: 15 Crafts Lessons for the month of January 2011 | 375.00 | 6986 |
| 2162 | Squire Bookshop inv. No: 08660 N/papers for the month of December 2010 | 42.20 | 7027 |
| 2163 | Welcome Garage – Inv No: 002313 Gżira School – Gozo | 93.00 | 6987 |
| 2164 | Best Wishes inv. No: 2397731 Stationery | 48.53 | 7028 |
| 2165 | Mita – Inv. No: SIN024364 – e-mail accounts for Councillors | 29.88 | 7029 |
| 2166 | Env. L/Scapes Cons. Ltd Inv. No: 006893 Maint Soft Areas – January 2011 | 2,212.92 | 7030 |
| 2167 | Squire Bookshop Inv. No: 08697 N/Papers for the month of January 2011 | 45.40 | 7031 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2168 | G4S Security Services (Malta) Ltd Inv No: GS001882 C.I.T. January 2011 | 30.44 | 7032 |
| 2169 | R.F. Cenre – Zabbar Inv. No: 53338 – material for Jum il-Gżira – Anzjani | 111.00 | 6991 |
| 2170 | Mr. Antoine Portelli Inv. No: GLC-001/2011 Accounting Service Jan – Nov 2010 – updating Purchase Day Book and updating Cash Book. | 2,681.25 | 6951 |
| 2171 | Melita plc Hello Service & Usage tel No: 27013021 – 08.12.2010 – 07.01.2011 | 440.64 | 6999 |
| 2172 | Alfa Co. Ltd Inv. Nos: 68300 – (rentals & copies 13.11.10 – 12.12.10) Inv 68301 (rentals & copies 01.12.2010 – 31.12.2010) Inv 68709 eco Tax | 161.31 | 7033 |
| 2173 | Makaw Ironmongery Inv. No: 18875 | 44.80 | 7034 |
| 2174 | Mr. Em. Mifsud Inv No: 66 – Door to Door Collection – February 2011 | 5590.50 | 7039 |
| 2175 | Mr. Em. Mifsud Inv. No: 67 – Skip Hire for the month of February 2011 | 432.87 | 7040 |
| 2176 | Mr. Em. Mifsud Inv. No: 68 – Service of Public Convenience February 2011 | 836.06 | 7041 |
| 2177 | Mr. Em. Mifsud Inv. No: 69 – Service of Bulky Refuse – January 2011 = 161 Calls | 881.32 | 7042 |
| 2178 | Ms Alexandra Galea Inv. No: 16 Crafts lessons – February 2011 | 375.00 | 7000 |
| 2179 | Best Wishes – postage | 95.00 | 6994 |
| 2180 | Allied N/papers – Advert Expression of Interest – Accountant – 08.02.2011 | 129.21 | 7035 |
| 2181 | D.O.I. advert Gov. Gazz – Expression of Interest Accountant – 08.02.2011 | 13.32 | 6990 |
| 2182 | Dept for Local Gov. Advert Malta Indep 09.02.2011 – Exp. Of Interest – Accountant | 100.00 | pending |
| 2183 | Land Department – Rent Ġnien Kunsill ta' Ewropa 08.03.11 – 07.03.12 | 232.94 | 7043 |